PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2005/0259(CNS)

5.10.2007

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-kompetenza, il-liġi applikabbli, l-għarfien u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-koperazzjoni fil-qasam ta' l-obbligi ta' manteniment
(COM(2005)0649 – C6-0079/2006 – 2005/0259(CNS))

Rapporteur għal opinjoni (*): Diana Wallis

(*) Proċedura ma' kumitati assoċjati - Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

It-tħassib ewlieni tar-rapporteur għal opinjoni fil-preparazzjoni ta' dawn l-emendi dwar il-proposta għal regolament kien biex tiżgura li d-deċiżjonijiet marbuta ma' l-obbligi ta' manteniment, fl-iktar sens wiesa' ta' l-espressjoni, f'każijiet transkonfinali jiġu rikonoxxuti u infurzati madwar l-Unjoni bl-iktar mod mgħaġġel u effettiv bl-inqas spejjeż possibbli.

Is-soluzzjonijiet li qed tipproponi huma pragmatiċi u maħsuba biex ikunu aċċettabbli minn kemm jista' jkun Stati Membri. Huma jistgħu joffendu lill-puristi, imma fl-opinjoni tagħha l-interess tal-litiganti li jkollhom riżoluzzjoni ta' malajr għal problema li toħloq uġigħ ta' ras kbir, kif ukoll b'mod partikulari lit-tfal, jegħleb kull konsiderazzjoni oħra, b'kunsiderazzjoni għall-bżonnijiet tad-debituri tal-manteniment u għad-drittijiet tad-difiża.

Din l-opinjoni hi maħsuba wkoll biex tinvolvi lill-Kunsill f'azzjoni u tinkoraġġixxi lill-Kummissjoni. Il-problema li r-Regolament qed jittratta hi waħda reali ħafna għaċ-ċittadini fl-Unjoni. Bil-kisba tas-suq intern, il-movimenti transkonfinali ta' persuni żdiedu b'mod konsiderevoli – u magħhom il-problemi li jolqtu lill-imsieħba ta' l-immigranti b'mod partikulari fl-Istati Membri ġodda, fejn ċ-ċittadini qed jieħdu l-vantaġġ kollu possibbli tal-moviment ħieles. Barra minn hekk irid jiġi kkunsidrat il-fatt li d-divorzju u s-separazzjonijiet qed dejjem jiżdiedu madwar l-Unjoni.

L-Unjoni għandha tieħu r-responsabilità biex tiżgura li ċ-ċittadini jkollhom dritt effettiv li l-obbligi ta' manteniment jiġu infurzati meta l-ħelsien tal-moviment imsemmi fit-Trattat huwa eżerċitat u l-Istati Membri għandhom kull interess li jiżguraw li msieħba u tfal ma jkollhomx nuqqas ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali.

Filwaqt li tissuġġerixxi titjib fid-dispożizzjonijiet tar-regolament propost, ir-rapporteur tieħu l-opportunità biex tistieden lill-Istati Membri biex jikkunsidraw forom ġodda ta' infurzar tad-deċiżjonijiet ta' manteniment li nstabu li huma effettivi ħafna f'kompetenzi li m'humiex ta' l-UE.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni[1]	Emendi tal-Parlament
Emenda 1 Ċitazzjoni 1	

[1] ĠU C 242, 7.10.2006, p. 0020-0026..

Wara li *kkunsidra t*-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u notevolment l-Artikolu 61*, il-punt c)* tiegħu ***u l-Artikolu 67, il-paragrafu 2 tiegħu***,	Wara li *kkunsidraw it*-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 61*(c)* tiegħu,

Ġustifikazzjoni

Meta ġie kkonsultat mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, l-Ġustizzja u l-Affarjiet Interni dwar il-bażi legali għar-regolament propost, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali kkunsidra li l-proposta suppost għandha tiġi ttrattata skond il-proċedura ta' kodeċiżjoni.

Emenda 2
Ċitazzjoni 3

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,	***imħassra***

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għall-emenda ta' Ċitazzjoni 1.

Emenda 3
Ċitazzjoni 4 a (ġdida)

	Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat,

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għall-emenda ta' Ċitazzjoni 1.

Emenda 4
Premessa 9

(9) L-ambitu ta' l-applikazzjoni tar-Regolament irid jestendi għall-obbligi ta' manteniment kollha li ġejjin ***mir-relazzjonijiet ta' familja*** jew mir-relazzjonijiet li għandhom effetti simili, ***u dan,*** sabiex jiżgura ugwaljanza ta' trattament bejn il-krediturі ta' manteniment kollha.	(9) L-ambitu ta' l-applikazzjoni tar-Regolament irid jestendi għall-obbligi ta' manteniment kollha li ġejjin ***minn relazzjoni ta' familja, parentela, żwieġ jew affinità*** jew minn relazzjonijiet li għandhom effetti simili ***skond il-liġi nazzjonali applikabbli***, sabiex jiżgura ugwaljanza ta' trattament bejn il-krediturі ta' manteniment kollha. ***Dawn l-obbligi għandhom jinftiehmu fl-iktar sens wiesa' possibbli u jkopru, b'mod partikulari, l-ordnijiet kollha marbuta ma'***

ħlasijiet perjodiċi, ħlasijiet ta' somma waħda, trasferiment tas-sjieda ta' proprjetà u aġġustamenti tal-proprjetà, imfassla fuq il-bażi tal-bżonnijiet u tar-riżorsi rispettivi tal-partijiet u li huma ta' manteniment fin-natura tagħhom.

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li tiġi pprovduta ftit gwida għat-tifsira u l-iskop ta' l-espressjoni "obbligi ta' manteniment". Huwa importanti li jiġi speċifikat li sħubija ċivili u sħubija bejn kopji ta' l-istess sess huma koperti wkoll.

Emenda 5
Premessa 10

(10) Ir-regoli relatati mal-kompetenza internazzjonali huma xi ftit differenti minn dawk attwalment applikabbli, bħal dawk li jirriżultaw mir-Regolament (KE) Nru 44/2001. Sabiex jiżguraw mill-aħjar il-ħarsien ta' l-interessi tal-kredituri ta' manteniment u biex jiffavorixxu amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja fi ħdan l-Unjoni Ewropea, dawn ir-regoli jridu jiġu ċċarati u jkopru minn issa 'l quddiem l-ipoteżi kollha li fihom jeżisti rapport suffiċjenti bejn is-sitwazzjoni tal-partijiet u Stat Membru. ***Ir-residenza abitwali tal-konvenut fi Stat mhux membru ta' l-Unjoni Ewropea ma tistax tkun aktar kawża ta' esklużjoni tan-normi Komunitarji u ma jista' jkun hemm l-ebda ħsieb li ssir referenza għal-liġi nazzjonali.***	(10) Ir-regoli relatati mal-kompetenza internazzjonali huma xi ftit differenti minn dawk attwalment applikabbli, bħal dawk li jirriżultaw mir-Regolament (KE) Nru 44/2001. Sabiex jiżguraw mill-aħjar il-ħarsien ta' l-interessi tal-kredituri ta' manteniment u biex jiffavorixxu amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja fi ħdan l-Unjoni Ewropea, dawn ir-regoli jridu jiġu ċċarati u jkopru minn issa 'l quddiem l-ipoteżi kollha li fihom jeżisti rapport suffiċjenti bejn is-sitwazzjoni tal-partijiet u Stat Membru.

Ġustifikazzjoni

Fid-dawl tan-negozjati tal-Konvenzjoni dwar l-irkupru internazzjonali ta' l-appoġġ għat-tfal u forom oħra ta' manteniment tal-familja fil-Konferenza ta' L-Aja, għal-liema l-Unjoni Ewropea saret firmatarja fit-3 ta' April 2007, ikun aħjar li din is-sentenza titħalla barra.

Emenda 6
Premessa 11

(11) Il-partijiet iridu jkunu jistgħu jagħżlu bi qbil komuni l-qorti kompetenti, ħlief meta	(11) Il-partijiet iridu jkunu jistgħu jagħżlu bi qbil komuni l-qorti kompetenti, ħlief meta

hemm involuti l-obbligi ta' manteniment fir-rigward tat-tfal minuri, biex ikun assigurat il-ħarsien tal-"*parti dgħajfa*".	hemm involuti l-obbligi ta' manteniment fir-rigward tat-tfal minuri, ***jew ta' adult li għandu nuqqas ta' kapaċità legali,*** biex ikun assigurat il-ħarsien tal-"*parti d-dgħajfa*".

Emenda 7
Premessa 14

(14) Il-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur ta' manteniment ***trid tipprevali***, bħal fl-istrumenti internazzjonali eżistenti, ***iżda*** l-liġi tal-qorti ***trid tiġi fit-tieni post, billi din ta' spiss tippermetti, f'dan il-qasam partikulari, li tirregola t-tilwim*** b'mod aktar sempliċi, aktar malajr u b'inqas spejjeż.	(14) Il-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur ta' manteniment ***għandha tkun dominanti***, bħal fl-istrumenti internazzjonali eżistenti, ***għalkemm*** il-liġi tal-qorti ***tista' tiġi applikata, anke fejn mhix il-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur, liema liġi tippermetti li tilwim f'dan il-qasam jissolva b'mod ġust***, b'mod aktar sempliċi, aktar malajr u b'inqas spejjeż ***u m'hemm l-ebda evidenza għal 'forum shopping'***.

Ġustifikazzjoni

The Regulation's aim of enabling maintenance creditors easily to obtain a decision which will be automatically enforceable in another Member State would be frustrated if a solution were to be adopted which obliged courts to apply foreign law where the dispute could be resolved simpler, faster and more economically by applying the law of the forum. Application of foreign law tends to prolong proceedings and lead to additional costs being incurred in procedures which often involve an element of urgency and in which litigants do not necessarily have deep pockets. Moreover, in some cases application of the law of the creditor's country of habitual residence could give rise to an undesirable result, as in the case where the creditor seeks a maintenance order in the country of which she is a national having sought refuge there after leaving the country in which she had been habitually resident with her husband who is of the same nationality, who is still resident there.

On these grounds, this amendment provides for the discretionary application of the law of the forum, whilst safeguarding against forum shopping.

Emenda 8
Premessa 15

(15) Meta ***l-ebda miż-żewġ liġijiet imsemmija hawn fuq ma jippermettu lill-***kreditur biex jikseb il-mantenimenti mid-debitur, irid ikun possibbli li tiġi applikata l-liġi ta' pajjiż ieħor li miegħu l-obbligu ta'	(15) ***Meta l-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur ta' manteniment jew il-liġi tal-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ ma tippermettix il-manteniment tal-***kreditur biex jikseb il-mantenimenti mid-debitur ***jew***

manteniment għandu ***rabtiet stretti***. ***Jista' jkun,*** b'mod partikulari, iżda mhux ***waħdu***, il-pajjiż ta' nazzjonalità komuni tal-partijiet.	***meta ma jkunx ġust jew xieraq biex tiġi applikata dik il-liġi***, irid ikun possibbli li tiġi applikata l-liġi ta' pajjiż ieħor li miegħu l-obbligu ta' manteniment għandu ***konnessjonijiet mill-qrib***, b'mod partikulari, iżda mhux ***esklussivament***, dak tal-pajjiż ta' nazzjonalità komuni tal-partijiet.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tippermetti l-applikazzjoni ta' liġi barra dik tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur ta' manteniment jew il-liġi tal-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ, sabiex ukoll jiġi evitat "forum shopping".

Emenda 9
Premessa 16

(16) Il-partijiet iridu jkunu ***awtorizzati***, taħt ċerti kundizzjonijiet, biex jagħżlu l-liġi applikabbli. B'hekk huma jkunu jistgħu jagħżlu l-liġi tal-qorti għall-ħtiġijiet ta' proċedura. Barra minn hekk, iridu jkunu jistgħu jiftiehmu mil-liġi applikabbli permezz ta' ftehimiet preliminari fuq kull tilwima, iżda unikament meta jkunu obbligi ta' manteniment ħlief dawk li huma dovuti lil tfal jew lil adulti vulnerabbli; barra minn hekk, l-għażla tagħhom trid tkun limitata għall-ispeċifikar ta' ċerti liġijiet biss.	(16) Il-partijiet iridu jkunu ***jistgħu***, taħt ċerti kundizzjonijiet, biex jagħżlu l-liġi applikabbli. B'hekk huma jkunu jistgħu jagħżlu l-liġi tal-qorti għall-ħtiġijiet ta' proċedura. Barra minn hekk, iridu jkunu jistgħu jiftiehmu mil-liġi applikabbli permezz ta' ftehimiet preliminari fuq kull tilwima, iżda unikament meta jkunu obbligi ta' manteniment ħlief dawk li huma dovuti lil tfal jew lil adulti vulnerabbli; barra minn hekk, l-għażla tagħhom trid tkun limitata għall-ispeċifikar ta' ċerti liġijiet biss. ***Il-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ trid tkun sodisfatta li jkun sar qbil dwar kull għażla ta' liġi wara li jkun ittieħed parir legali indipendenti. Il-qbil kollu dwar l-għażla tal-qorti għandu jkun bil-miktub.***

Emenda 10
Premessa 17

(17) Id-debitur irid ikun imħares mill-applikazzjoni tal-liġi speċifikata fl-ipoteżi fejn ir-relazzjoni tal-familja li tiġġustifika l-kisba ta' manteniment m'hijiex ikkunsidrata unanimament kif kien jisthoqq li tkun privileġġjata. Dan jista' jkun il-każ notevolment tar-relazzjonijiet	***imħassra***

bejn qraba kollaterali jew ta' parentela, ta' l-obbligi ta' manteniment għal dixxendenti fir-rigward ta' l-axxendenti tagħhom, jew tas-sosteniment tad-dmir ta' għajnuna wara t-taħlil taż-żwieġ.

Ġustifikazzjoni

Din il-premessa mhix ċara u tidher li ma taqbilx mal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u hi diskriminatorja. Barra minn hekk, il-fatt li l-emenda tar-rapporteur għal opinjoni għall-Artikolu 20 tippreżerva s-salvagwardja tal-politika pubblika, jidher li din il-premessa mhix neċessarja.

Emenda 11
Premessa 19

(19) Ladarba tittieħed fi Stat Membru, deċiżjoni fil-qasam ta' obbligi ta' manteniment trid tkun tista' tiġi attwata malajr u b'mod effikaċi fi kwalunkwe Stat Membru ieħor. Il-krediturі ta' manteniment, partikularment, iridu jibbenefikaw mill-ġbid ta' flus direttament mis-salarji jew il-kontijiet tal-bank tad-debituri.	(19) ***L-għan ta' dan ir-Regolament hu li jiddaħħlu proċeduri li jipproduċu riżultati u li huma aċċessibbli, fil-pront, effiċjenti, effettivi għan-nefqa, risponsivi u ġusti***. Ladarba tittieħed fi Stat Membru, deċiżjoni fil-qasam ta' obbligi ta' manteniment trid tkun tista' tiġi attwata malajr u b'mod effikaċi fi kwalunkwe Stat Membru ieħor. Il-krediturі ta' manteniment, partikularment, iridu jibbenefikaw mill-ġbid ta' flus direttament mis-salarji jew il-kontijiet tal-bank tad-debituri. ***Mezzi ġodda u effettivi ta' infurzar ta' deċiżjonijiet ta' manteniment għandhom jiġu mħeġġa.***

Ġustifikazzjoni

Bħall-abbozz tal-Konvenzjoni ta' L-Aja, ir-Regolament għandu jfittex l-objettiv ta' promozzjoni ta' proċeduri aċċessibbli, fil-pront, effiċjenti, effettivi għan-nefqa, risponsivi u ġusti.

L-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' manteniment huwa problematiku f'ħafna ġurisdizzjonijiet. Għalhekk l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw b'mod attiv mezzi ġodda ta' infurzar li ntużaw u ħallew effett kbir f'ġurisdizzjonijiet mhux ta' l-UE, bħall-ikkonfiskar ta' liċenzji tas-sewqan.

Emenda 12
Premessa 22

(22) Ir-Regolament preżenti jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti notevolment mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. B'mod partikulari, jimmira li jiżgura r-rispett sħiħ tal-ħajja privata u tal-familja, il-ħarsien tal-fatti personali, ir-rispett tad-drittijiet tat-tfal u l-garanziji ta' rikors effettiv quddiem qorti independenti u imparzjali, konformi ma' l-Artikoli 7, 8, 24, u 47 tal-Karta.	(22) Ir-Regolament preżenti jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti notevolment mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. B'mod partikulari, jimmira li jiżgura r-rispett sħiħ tal-ħajja privata u tal-familja, il-ħarsien tal-fatti personali, ir-rispett tad-drittijiet tat-tfal u l-garanziji ta' rikors effettiv quddiem qorti independenti u imparzjali, konformi ma' l-Artikoli 7, 8, 24, u 47 tal-Karta. ***Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, kellhom jiġu kkunsidrati l-Artikoli 3 u 27 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal ta' l-20 ta' Novembru 1989, li tgħid li*** ***- fl-azzjonijiet kollha rigward tfal, l-aħjar interess tat-tfal għandu jkun konsiderazzjoni primarja,*** ***- it-tfal kollha għandu jkollhom id-dritt għal standard ta' għejxien adegwat għall-iżvilupp mentali, spiritwali, morali u soċjali tagħhom,*** ***- il-ġenitur(i) jew oħrajn responsabbli mit-tfal għandhom responsabilità primarja li jiżguraw, fil-limitu ta' l-abilitajiet u tal-kapaċitajiet finanzjarji tagħhom, il-kundizzjonijiet ta' għajxien neċessarji għall-iżvilupp tat-tfal, u*** ***- l-Istati għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa, inkluż il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, biex jiżguraw l-irkupru ta' manteniment għat-tfal mill-ġenitur(i) jew persuni oħra responsabbli, b'mod partikulari fejn dawn il-persuni jgħixu fi Stat differenti minn dak tat-tfal.***

Ġustifikazzjoni

Id-drittijiet tat-tfal kellhom jitqiesu kif hemm stipulat fil-Konvenzjoni tan-NU.

Emenda 13
Premessa 23

(23) ***B'konformità ma' l-artikolu 2, tad-Deċiżjoni*** 1999/468/KE tal-Kunsill tat-28 ta'	(23) ***Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament***

Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-modi ta' l-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' infurzar mogħtija lill-Kummissjoni[1]***, ikun xieraq li l-miżuri meħtieġa biex jitwettaq dan ir-Regolament preżenti ikunu stabbiliti skond il-proċedura konsultattiva stipulata fl-artikolu 3 tad-Deċiżjoni msemmija.***	***għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni*** tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni[1].
[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.	[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. ***Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11)***

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet tal-komitoloġija ġew aġġustati biex jikkunsidraw l-emenda tad-Deċiżjoni tal-Komitoloġija ta' l-1999. Ara wkoll l-emendi għall-Artikoli 50 u 51.

Emenda 14
Premessa 24

(24) Ir-Regolament preżenti jieħu post l-istrumenti tal-Komunità adottati qabel u jkopri l-istess tema. Barra minn hekk, ***irid ikollu*** prijorità fuq l-istrumenti internazzjonali l-oħrajn applikabbli fil-qasam bejn l-Istati Membri, sabiex jgħaqqad u jissemplifika n-normi ġuridiċi li hemm fis-seħħ.	(24) Ir-Regolament preżenti jieħu post l-istrumenti tal-Komunità adottati qabel u jkopri l-istess tema. Barra minn hekk, ***għandu jkollu*** prijorità fuq l-istrumenti internazzjonali l-oħrajn applikabbli fil-qasam bejn l-Istati Membri, sabiex jgħaqqad u jissemplifika n-normi ġuridiċi li hemm fis-seħħ. ***Dan għandu jkun kompatibbli mal-Konvenzjoni ta' L-Aja dwar l-irkupru internazzjonali ta' l-appoġġ għat-tfal u forom oħra ta' manteniment tal-familja.***

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jkun iċċarat li r-Regolament hu intenzjonat li jkun kompatibbli mal-Konvenzjoni ta' L-Aja li jmiss.

Emenda 15
Artikolu 1, paragrafu 1

1. Ir-Regolament preżenti japplika għall-obbligi ta' manteniment li ġejjin ***mir-relazzjonijiet tal-familja jew mir-relazzjonijiet li***, skond il-liġi li tapplika għalihom, għandhom effetti simili.	1. 1. Ir-Regolament preżenti japplika għall-obbligi ta' manteniment li ġejjin ***minn relazzjoni tal-familja, parentela, żwieġ jew affinità jew minn relazzjonijiet li***, skond il-liġi li tapplika għalihom, għandhom effetti simili, bħal sħubija ċivili.

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għall-emenda għall-Premessa 9.

Amendment 16
Artikolu 2, paragrafu -1 (ġdid)

	-1. "Obbligu ta' manteniment", id-dmir stabbilit mil-liġi, anki jekk il-kobor u l-mod tiegħu jkun determinat minn deċiżjoni ta' Qorti jew minn kuntratt, li jkun provdut, taħt kwalunkwe forma, il-manteniment jew għall-anqas il-mezzi ta' għajxien ta' persuna li attwalment jew fil-passat kienet marbuta b'relazzjoni ta' familja mad-debitur. Dawn l-obbligi għandhom jinftiehmu fl-iktar sens wiesa' possibbli li jkopru, b'mod partikulari, l-ordnijiet kollha marbutin ma' ħlasijiet perjodiċi, ħlasijiet ta' somma waħda, trasferiment tas-sjieda ta' proprjetà u aġġustamenti tal-proprjetà, imfassla fuq il-bażi tal-bżonnijiet u tar-riżorsi rispettivi tal-partijiet u li huma ta' manteniment fin-natura tagħhom.

Ġustifikazzjoni

Huwa tajjeb li jkun definti wieħed xi jrid jifhem b' obbligu ta' manteniment: uħud mis-sistemi legali jagħmlu distinzjoni bejn id-dmir ta' manteniment u d-dmir ta' għajxien: ta' l-ewwel huwa aktar wiesa' u t-tieni huwa limitat ħafna. Huwa tajjeb li r-reġim speċjali jkopri ż-żewġ definizzjonijiet.

Emenda 17
Artikolu 2, paragrafu 2

(2) "imħallef" tfisser l-imħallef jew il-funzjonarju ta' kompetenzi ugwali għal dawk ta' l-imħallef fil-qasam ta' obbligi ta' manteniment;	***imħassar***

Ġustifikazzjoni

Dan il-paragrafu huwa bla bżonn għaliex l-imħallef huwa waħda mill-'awtoritajiet kompetenti kollha ta' l-Istati Membri fil-qasam ta' obbligi ta' manteniment', kif definit fis-subparagrafu 1.

Emenda 18
Artikolu 2, punt (8)

(8) "kreditur" tfisser kull individwu li huwa dovut mantenimenti jew jallega li *huma* dovuti;	(8) "kreditur" tfisser kull individwu li huwa dovut mantenimenti jew jallega li *hemm mantenimenti* dovuti *lilu* ***jew korp pubbliku li ħa l-pożizzjoni tal-kreditur bl-iskop ta' infurzar,***

Emenda 19
Artikolu 2, punt (9)

(9) "debitur" tfisser kull individwu li għandu jagħti mantenimenti jew *lil min* qiegħda *ssir talba* għal mantenimenti.	(9) "debitur" tfisser kull individwu li għandu jagħti mantenimenti jew *il-persuna li* qiegħda *ssirilha t-talba* għal mantenimenti ***jew korp pubbliku li ħa f'idejh l-obbligu tad-debitur biex imantni lill-kreditur***,

Emenda 20
Artikolu 2, paragrafu 9 a (ġdid)

	(9a) il-frażi "azzjoni relatata ma' l-istat ta' persuni" għandha tfisser kull azzjoni relatata ma' divorzju, annullament taż-żwieġ jew affiljazzjoni.

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li jkun speċifikat xi tfisser il-frażi "azzjoni relatata ma' l-istat ta' persuni". It-tifsira taqbel mad-definizzjoni ta' ġurisdizzjoni li tinsab fir-Regolament Nru 2201/2003, iżda li ġiet imwessgħa biex tinkludi fiha proċedimenti ta' affiljazzjoni.

Emenda 21
Artikolu 3, punt (c)

c) il-qorti kompetenti biex tkun taf dwar azzjoni relatata ma' l-istat ta' persuni meta t-talba relatata ma' l-obbligu ta' manteniment tkun aċċessorja ta' din l-azzjoni, ***ħlief jekk din il-kompetenza tkun ibbażata unikament fuq in-nazzjonalità ta' waħda mill-partijiet***;	(c) il-qorti kompetenti biex tkun taf dwar azzjoni relatata ma' l-istat ta' persuni meta t-talba relatata ma' l-obbligu ta' manteniment tkun aċċessorja ta' din l-azzjoni;

Ġustifikazzjoni

Dan il-limitu ma jidhirx li għandu skop utli.

Emenda 22
Artikolu 3, Punt (d)

d) il-qorti kompetenti biex tkun taf dwar azzjoni relatata mar-responsabbiltà tal-ġenituri, fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003, meta t-talba li għandha x'taqsam ma' l-obbligu ta' manteniment hija aċċessorja għal din l-azzjoni.	d) il-qorti kompetenti biex tkun taf dwar azzjoni relatata mar-responsabbiltà tal-ġenituri, fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003, meta t-talba li għandha x'taqsam ma' l-obbligu ta' manteniment hija aċċessorja għal din l-azzjoni ***u azzjonijiet ta' responsabilità tal-ġenituri huma diġà pendenti quddiem il-qorti jew tressqu quddiem il-qorti fl-istess ħin bħal applikazzjoni għal manteniment***.

Ġustifikazzjoni

Dan l-iċċarar jidher ġustifikat.

Emenda 23
Artikolu 4, paragrafu 2

2. Ftehim dwar ġurisdizzjoni jrid ikun bil-miktub. ***Kull trasmissjoni b'mezz elettroniku li tippermetti li tirreġistra l-ftehim għat-tul tkun ikkunsidrata li hija forma miktuba.***	2. Ftehim dwar ġurisdizzjoni jrid ikun bil-miktub.

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni hi vaga wisq: tista' tkopri anke l-iskambju ta' e-mails.

Emenda 24
Artikolu 4, paragrafu 2 a (ġdid)

	2a. Il-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ trid tkun sodisfatta li kull twessigħ tal-ġurisdizzjoni jkun hemm qbil ħieles dwaru wara li jkun ittieħed parir legali indipendenti u trid tikkunsidra s-sitwazzjoni tal-partijiet fil-ħin tal-proċedimenti.

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni ta' l-emenda għall-Premessa 11.

Emenda 25
Artikolu 4, paragrafu 4

4. ***L-Artikolu preżenti m'huwiex applikabbli għal tilwima li tolqot obbligu ta' manteniment fir-rigward ta' tfal*** taħt it-tmintax-il sena.	4. ***Dan l-Artikolu ma japplikax jekk id-debitur hija persuna*** taħt it-18-il ***sena jew adult li għandu nuqqas ta' kapaċità legali***.

Ġustifikazzjoni

Il-ġuriżdizzjoni mhix derogabbli fir-rigward tad-dritt ta' manteniment jew għall-manteniment f'kull każ fejn ma tistax tkun espressa volontà b'mod liberu.

Emenda 26
Artikolu 6, punt (b)

b) meta hemm involuti obbligi ta' manteniment bejn konjuġi jew ex-konjuġi, il-qrati ta' l-Istat Membru li fuq it-territorju tiegħu hemm l-aħħar residenza abitwali komuni tal-konjuġi, jekk din ir-residenza abitwali kienet għadha stabbilita inqas minn sena qabel il-bidu tal-kawża.	b) meta hemm involuti obbligi ta' manteniment bejn konjuġi jew ex-konjuġi, il-qrati ta' l-Istat Membru li fuq it-territorju tiegħu hemm l-aħħar residenza abitwali komuni tal-konjuġi, jekk din ir-residenza abitwali kienet għadha stabbilita inqas minn sena qabel il-bidu tal-kawża.

Din l-emenda ma tapplikax għall-verżjoni bil-Malti

Amendment 27
Artikolu 7, paragrafu 1

1. ***Meta talbiet li jolqtu l-istess obbligu ta' manteniment jittellgħu quddiem qrati ta' Stati Membri differenti, il-qorti mqabbda fit-tieni post taġġorna mingħajr konsultazzjoni sakemm il-kompetenza ta' l-ewwel qorti mqabbda tkun stabbilita.***	1. ***F'dak li jirrigwarda talbiet li jolqtu l-istess obbligu ta' manteniment li jittellgħu quddiem qrati ta' Stati Membri differenti, u l-konnessjoni ta' kawża ma' oħra, kif ukoll il-miżuri proviżorji u konservattivi, japplikaw l-Artikoli. 27, 28, 30, tar-Regolament (KE) n. 44/2001.***

Ġustifikazzjoni

Ir-regoli stabbiliti minn dan l-Artikolu u minn dawk suċċessivi jirrepetu dak li diġà jinsab fil-Liġi Komunitarja inkluża fir-Regolament (KE) n. 44/2001 li huwa xieraq li ssir referenza

għalih.

Emenda 28
Artikolu 7, paragrafu 2

2. Meta l-kompetenza ta' l-ewwel qorti mqabbda tiġi stabbilita, il-qorti mqabbda fit-tieni post tirrinunzja favur din.	***imħassar***

Ġustifikazzjoni

Dan l-Artikolu huwa bla bżonn għaliex jirrepeti kważi kelma b'kelma t-test tar-Regolament (KE) n. 44/2001 li jirrigwarda b'mod ġenerali l-kompetenza ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali.

Emenda 29
L-Artikolu 8

L-Artikolu 8	***imħassar***
Każijiet relatati	
1. Meta talbiet relatati jkunu pendenti quddiem qrati fi Stati Membri differenti, il-qorti mqabbda fit-tieni post tista' taġġorna.	
2. Meta dawn it-talbiet ikunu pendenti fuq l-ewwel livell, il-qorti mqabbda fit-tieni post xorta tista' tirrinunzja, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, bil-kundizzjoni li l-ewwel qorti mqabbda tkun kompetenti li tkun taf it-talbiet inkwistjoni u li l-liġi tagħha tippermetti l-konnessjoni tagħhom.	
3. Fis-sens ta' l-Artikolu preżenti, huma konnessi t-talbiet marbutin ma' xulxin permezz ta' relazzjoni tant stretta li hemm interess li jiġu ppreparati u ġġudikati fl-istess ħin sabiex jiġu evitati soluzzjonijiet li jistgħu jkunu rrikonċiljabbli jekk il-proċeduri legali jittellgħu l-qorti separatament.	

Ġustifikazzjoni

Dan l-Artikolu huwa bla bżonn għaliex jirrepeti kważi kelma b'kelma t-test tar-Regolament (KE) n. 44/2001 li jirrigwarda b'mod ġenerali l-kompetenza ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali.

Emenda 30

L-Artikolu 9

L-Artikolu 9	***imħassar***
Sottomissjoni ta' qorti	
Għall-finijiet tal-Kapitolu preżenti, qorti tkun ikkunsidrata sottomessa:	
fid-data meta l-att tal-bidu ta' proċedura legali jew att ekwivalenti jitressaq quddiem il-qorti, bil-kundizzjoni li l-kwerelant ma jkunx injorat minħabba li jittieħdu l-miżuri li kien marbut li jieħu biex l-att ikun notifikat jew mibgħut lill-konvenut, jew	
jekk l-att irid ikun innotifikat jew mibgħut qabel ma' jkun imressaq quddiem il-qorti, fid-data li fiha kien mirċievi mill-awtorità inkarigata bin-notifika jew bit-taħrika, bil-kundizzjoni li l-kwerelant ma jkunx injorat minħabba li jittieħdu l-miżuri li kien marbut li jieħu sabiex l-att ikun imressaq quddiem il-qorti.	

Ġustifikazzjoni

Dan l-Artikolu huwa bla bżonn għaliex jirrepeti kważi kelma b'kelma t-test tar-Regolament (KE) n. 44/2001 li jirrigwarda b'mod ġenerali l-kompetenza ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali.

Emenda 31
L-Artikolu 10

L-Artikolu 10	***imħassar***
Miżuri proviżorji u protettivi	
Il-miżuri proviżorji jew protettivi maħsuba mil-liġi ta' Stat Membru jistgħu jintalbu lill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' dan l-Istat, anke jekk, skond il-Regolament preżenti, qorti ta' Stat Membru ieħor hija kompetenti biex tkun taf fuq il-merti.	

Ġustifikazzjoni

Dan l-Artikolu huwa bla bżonn għaliex jirrepeti kważi kelma b'kelma t-test tar-Regolament (KE) n. 44/2001 li jirrigwarda b'mod ġenerali l-kompetenza ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali.

Emenda 32
Artikolu 10a (ġdid)

Artikolu 10a

Fejn il-proċedimenti ta' manteniment seħħew minħabba l-applikazzjoni ta' għajnuna temporanja, l-Artikoli 7 u 8 m'għandhomx joperaw b'tali mod li jikkawżaw il-liġi applikabbli għall-applikazzjoni għal għajnuna temporanja neċessarja biex tapplika kwalunkwe applikazzjoni sussegwenti għall-manteniment jew varjazzjoni ta' manteniment miġjub b'konnessjoni mal-proċedimenti għal divorzju, annullament taż-żwieġ/sħubija ċivili jew separazzjoni legali.

Ġustifikazzjoni

Fin-nuqqas ta' dispożizzjoni bħal din, jista' jingħad li fejn mara tapplika għal manteniment permezz ta' miżuri temporanji f'pajjiż A, fejn hi tkun sabet refuġju, il-liġi tal-pajjiż A għandha tiġi applikata għall-kwistjonijiet kollha marbuta ma' obbligi ta' manteniment li ġejjin minn proċedimenti ta' divorzju li ġejjin minn pajjiż B, il-pajjiż ta' oriġini tagħha fejn hi toqgħod mar-raġel u sieħeb tagħha.

Emenda 33
L-Artikolu 11

L-Artikolu 11	***imħassar***
Verifika tal-kompetenza	
Il-qorti ta' Stat Membru mqabbda b'każ li għalih il-kompetenza tagħha m'hijiex ibbażata fuq it-termini tar-Regolament preżenti tiddikjara ruħha, mal-ewwel, bħala inkompetenti.	

Ġustifikazzjoni

Dan l-Artikolu huwa bla bżonn għaliex jirrepeti kważi kelma b'kelma t-test tar-Regolament (KE) n. 44/2001 li jirrigwarda b'mod ġenerali l-kompetenza ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali.

Emenda 34

L-Artikolu 13

1. Il-liġi tal-pajjiż fejn il-kreditur għandu r-residenza abitwali tiegħu tmexxi l-obbligi ta' manteniment.	1. Il-liġi tal-pajjiż fejn il-kreditur għandu r-residenza abitwali tiegħu tmexxi l-obbligi ta' manteniment.
2. Il-liġi tal-qorti tapplika:	2. Il-liġi tal-qorti tapplika:
a) ***meta skond il-liġi speċifikata konformi mal-paragrafu 1 il-kreditur ma jistax jikseb il-mantenimenti mid-debitur,*** jew	(a) ***fejn hija l-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur,*** jew
b) meta l-kreditur ***jagħmel it-talba għalihom u din tkun il-liġi tal-pajjiż li fih id-debitur għandu r-residenza abitwali tiegħu.***	(b) meta l-kreditur ***ma jkunx jista' jakkwista manteniment mid-debitur permezz tal-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur, jew***
	(c) sakemm il-kreditur jitlob mod ieħor u l-qorti tiġi ssodisfata li hu jew hi akkwistaw parir legali indipendenti dwar il-kwistjoni, fejn hija l-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur.
3. Meta l-ebda waħda mil-liġijiet imsemmija konformi mal-paragrafi preċedenti ma tippermetti lill-kreditur biex jikseb il-mantenimenti mid-debitur u meta jirriżulta miċ-ċirkostanzi kollha li l-obbligu ta' manteniment jippreżenta rabtiet stretti ma' pajjiż ieħor, b'mod partikulari dak tan-nazzjonalità komuni tal-kreditur u tad-debitur; f'dan il-każ, tapplika l-liġi tal-pajjiż ma' liema l-obbligu ta' manteniment għandu rabtiet stretti.	***3. Minkejja paragrafu 1, il-liġi tal-forum tista' tiġi applikata, anke fejn mhix il-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur, fejn tippermetti li tilwim ta' manteniment jissolva b'mod ġust, aktar sempliċi, aktar malajr u b'inqas spejjeż u fejn m'hemm l-ebda evidenza ta' 'forum shopping'.***
	4. Alternattivament, meta l-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur ta' manteniment jew il-liġi tal-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ ma jippermettux il-manteniment tal-kreditur biex jikseb il-mantenimenti mid-debitur jew fejn ma jkunx ġust jew xieraq biex tiġi applikata dik il-liġi, l-obbligi ta' manteniment għandhom ikunu suġġetti għal-liġi ta' pajjiż ieħor li miegħu l-obbligu ta' manteniment għandu konnessjonijiet mill-qrib, b'mod partikulari, iżda mhux esklussivament, dak tal-pajjiż ta' nazzjonalità komuni tal-kreditur u tad-debitur.

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjonijiet ta' l-emendi għall-Premessi 14 u 15.

Emenda 35
Artikolu 14, ittra (a)

(a) ***jispeċifikaw il-liġi tal-qorti għall-ħtiġijiet ta' proċedura, b'mod espliċitu jew b'kull mod ieħor mhux ekwivoku*** fil-mument tal-bidu tal-proċeduri legali;	(a) ***jipprovdu ftehima bil-miktub li tispeċifika l-liġi tal-qorti għall-ħtiġijiet ta' proċedura, b'mod mhux ekwivoku*** fil-mument tal-bidu tal-proċeduri legali;

Ġustifikazzjoni

It-test kif ġie promulgat, ma jinfthiemx. Huwa ovvju li l-liġi tal-proċedura hija bla varjazzjoni, dik tal-qorti li qed tisma' l-każ.

Emenda 36
Artikolu 14, paragrafu 1a (ġdid)

	Dak li ntqal qabel hu suġġett għall-proviso li l-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ tkun sodisfatta li kien hemm qbil ħieles dwar kwalunkwe għażla ta' qorti jew għażla ta' liġi wara li jkun ittieħed parir legali indipendenti.

Emenda 37
L-Artikolu 15

L-Artikolu 15	***imħassar***
Non-applikazzjoni tal-liġi speċifikata fuq talba tad-debitur	
1. Meta hemm involuti obbligi ta' manteniment ħlief għal dawk għat-tfal u l-adulti vulnerabbli u bejn konjuġi jew ex-konjuġi, id-debitur jista' jopponi għall-pretensjoni tal-kreditur in-nuqqas ta' obbligu ta' manteniment fir-rigward tiegħu skond il-liġi nazzjonali komuni tagħhom jew, f'nuqqas ta' nazzjonalità komuni, skond il-liġi tal-pajjiż li fih għandu r-residenza abitwali tiegħu.	

2. Meta hemm involuti obbligi ta' manteniment bejn konjuġi jew ex-konjuġi, id-debitur jista' jopponi għall-pretensjoni tal-kreditur in-nuqqas ta' obbligu ta' manteniment fir-rigward tiegħu skond il-liġi tal-pajjiż ma' liema ż-żwieġ jippreżenta l-aktar rabtiet stretti.

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni tidher li ma taqbilx mal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u li hi diskriminatorja.

Emenda 38
L-Artikolu 17

1. Il-liġi applikabbli għal obbligu ta' manteniment tiddetermina notevolment: (a) l-eżistenza u l-firxa tad-drittijiet tal-kreditur, u kontra min jista' jeżerċitahom***;*** (b) ***il-miżura li fiha l-***kreditur jista' jitlob mantenimenti b'mod retroattiv; (c) il-mod ta' kalkolu u l-indiċi ta' l-obbligu ta' manteniment; (d) il-preskrizzjoni u l-limiti ta' żmien biex tinbeda azzjoni; (e) id-dritt ta' l-istituzzjoni pubblika li pprovdiet mantenimenti *lill-kreditur* biex tikseb ir-rimborż tal-benefiċċji tagħha u l-limiti ta' l-obbligu tad-debitur. 2. ***Ikun xi jkun il-kontenut tal-liġi applikabbli, iridu jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet tal-kreditur u r-riżorsi tad-debitur fl-ispeċifikazzjoni ta' l-ammont tas-sussidju ta' manteniment.***	1. Il-liġi applikabbli għal obbligu ta' manteniment tiddetermina notevolment: (a) l-eżistenza***, għal kemm żmien u f'liema ammont,*** tad-drittijiet tal-kreditur, u kontra min jista' jeżerċitahom; (b) ***għal kemm żmien u f'liema ammont il-***kreditur jista' jitlob mantenimenti b'mod retroattiv; (c) il-mod ta' kalkolu u l-indiċi ta' l-obbligu ta' manteniment; (d) il-preskrizzjoni u l-limiti ta' żmien biex tinbeda azzjoni; (e) id-dritt ta' l-istituzzjoni pubblika li pprovdiet mantenimenti *lil kreditur* biex tikseb ir-rimborż tal-benefiċċji tagħha u l-limiti ta' l-obbligu tad-debitur. 2. ***Minkejja paragrafu 1, fl-ispeċifikazzjoni ta' l-ammont tas-sussidju ta' manteniment, il-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ għandha tieħu bħala l-bażi tagħha, il-bżonnijiet proprji u attwali tal-kreditur u r-riżorsi proprji u attwali tad-debitur, b'kunsiderazzjoni għall-bżonnijiet raġonevoli ta' dan ta' l-aħħar u kull obbligu ta' manteniment ieħor li hu jew hi jkunu suġġetti għalih.***

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tfittex li torbot id-diskors tat-test tal-Kummissjoni. Huwa importanti li jkun ċar li l-bżonnijiet proprji tal-kreditur huma ta' importanza kbira u biex jiġi kkunsidrat il-fatt li d-

debitur jista' jkun diġà fi dmir li jħallas manteniment lil pereżempju s-sieħeb/is-sieħba ta' qabel.

Emenda 39
L-Artikolu 20

L-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi speċifikata mir-Regolament preżenti ma tistax titwarrab ħlief jekk din l-applikazzjoni hija ovvjament inkompatibbli mal-politika pubblika tal-qorti. Madankollu, l-applikazzjoni ta' miżura tal-liġi ta' Stat Membru speċifikata mir-Regolament preżenti ma tistax titwarrab fuq din il-bażi.	L-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi speċifikata mir-Regolament preżenti ma tistax titwarrab ħlief jekk din l-applikazzjoni hija ovvjament inkompatibbli mal-politika pubblika tal-qorti.

Ġustifikazzjoni

Ma tistax issir distinzjoni bejn stat membru u stat mhux membru jekk il-kwistjoni hija l-ordni pubbliku.

Emenda 40
L-Artikolu 21

Billi Stat jinkludi diversi unitajiet territorjali fejn kull waħda għandha r-regoli proprji tagħha fil-qasam ta' obbligi ta' manteniment, kull unità territorjali hija meqjusa bħala pajjiż għall-finijiet ta' l-ispeċifikazzjoni tal-liġi applikabbli skond ir-Regolament preżenti.	***Stat li fih unitajiet territorjali bir-regoli tal-liġi tagħhom fir-rigward ta' obbligi ta' manteniment m'għandhomx ikunu marbuta li japplikaw dan ir-Regolament għal konflitti li jkunu biss bejn liġijiet ta' dawn l-unitajiet.***

Ġustifikazzjoni

Stati Membri magħmula minn bosta unitajiet territorjali bir-regoli legali tagħhom stess għandhom jitħallew jiddeċiedu jekk id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhomx japplikaw għal dawk l-unitajiet territorjali.

Emenda 41
L-Artikolu 22

1. Fi proċedura quddiem qorti ta' Stat Membru, l-att preliminari ta' proċedura legali jew att ekwivalenti jkun notifikat jew mibgħut lill-konvenut permezz ta' wieħed	***Is-servizz ta' dokumenti għandu jitmexxa permezz ta' dispożizzjonijiet tar-Regolament XXX/2007 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar in-notifika jew***

mill-modi li ġejjin:	***il-komunikazzjoni fl-Istati Membri ta' atti ġuridizzjarji jew extra-ġudizzjarji fuq ħwejjeġ ċivili jew kummerċjali.***
taħrika jew notifika lill-persuna, fejn id-destinatarju jkun iffirma dikjarazzjoni ta' riċevuta li jkollha d-data ta' meta rċeviha;	
taħrika jew notifika lill-persuna permezz ta' dokument iffirmat mill-persuna kompetenti li tkun mexxiet it-taħrika jew in-notifika, li tispeċifika li d-destinatarju jkun irċieva l-att jew li rrifjuta li jirċevih mingħajr raġuni valida, kif ukoll id-data ta' meta saret it-taħrika jew in-notifika;	
taħrika jew notifika bil-posta, fejn id-destinatarju jkun iffirma u bagħat lura dikjarazzjoni ta' riċevuta li jkollha d-data ta' meta rċeviha;	
taħrika jew notifika b'mezzi elettroniċi bħall-fax jew l-e-mail, fejn id-destinatarju jkun iffirma u bagħat lura dikjarazzjoni ta' riċevuta li jkollha d-data ta' meta rċeviha.	
2. Il-konvenut għandu għad-dispożizzjoni tiegħu limitu ta' żmien li ma jistax ikun inqas minn 30 ġurnata biex jipprepara d-difiża tiegħu minn meta jkun irċieva t-taħrika jew in-notifika konformi mal-paragrafu 1.	
3. L-Istati Membri javżaw lill-Kummissjoni, fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament preżenti, bil-modi ta' notifika u ta' taħrika li huma applikabbli. Huma jinfurmaw lill-Kummissjoni b'kull tibdil li jsir għal dan it-tagħrif.	
Il-Kummissjoni tqiegħed din l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.	

Emenda 42
L-Artikolu 29

Il-kwerelant, li fl-Istat Membru ta' oriġini kien ibbenefika bi sħiħ jew parzjalment mill-assistenza ġudizzjarja jew minn eżenzjoni	Il-kwerelant, li fl-Istat Membru ta' oriġini kien ibbenefika bi sħiħ jew parzjalment mill-assistenza ġudizzjarja jew minn eżenzjoni

ta' spejjeż, jibbenefika, fil-proċedura ta' infurzar, mill-assistenza ***l-aktar favorevoli*** jew mill-eżenzjoni l-aktar estiża kif speċifikata mil-liġi ta' l-Istat Membru ta' infurzar.	ta' spejjeż, jibbenefika, fil-proċedura ta' infurzar, mill-assistenza ***skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE tas-27 ta' Jannar 2003 biex jittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet transkonfinali billi jkunu stabbiliti regoli komuni minimi marbutin ma' għajnuna legali għal kwistjonijiet bħal dawn***[1] jew mill-eżenzjoni l-aktar estiża kif speċifikata mil-liġi ta' l-Istat Membru ta' infurzar
	1 ĠU L 26, 31.1.2003, p. 41.

Emenda 43
L-Artikolu 33

Ir-rifjut jew is-sospensjoni, sħiħa jew parzjali, ta' l-infurzar tad-deċiżjoni tal-qorti ta' l-oriġini ma tistax tiġi deċiża, fuq it-talba tad-debitur, ħlief f'dawn il-każijiet li ġejjin:	Ir-rifjut jew is-sospensjoni, sħiħa jew parzjali, ta' l-infurzar tad-deċiżjoni tal-qorti ta' l-oriġini ma tistax tiġi deċiża, fuq it-talba tad-debitur, ħlief f'dawn il-każijiet li ġejjin:
(a) ***id-debitur jippreżenta ċirkostanzi ġodda jew ċ-ċirkostanzi li ma kinux magħrufa mill-qorti ta' l-oriġini meta din ħadet id-deċiżjoni tagħha***;	(a) ***jitqajmu l-eċċezzjonijiet ta' difett fit-titolu eżekuttiv jew fl-atti tal-proċedura;***
(b) id-debitur talab ir-reviżjoni tad-deċiżjoni tal-qorti ta' l-oriġini konformi ma' l-Artikolu 24 u l-ebda deċiżjoni ġdida għadha ma ttieħdet;	
(c) id-debitur diġà ħeles mid-dejn tiegħu;	(c) id-debitur diġà ħeles mid-dejn tiegħu;
(d) id-dritt li jinkiseb l-infurzar tad-deċiżjoni tal-qorti ta' l-oriġini huwa totalment jew parzjalment preskritt;	(d) id-dritt li jinkiseb l-infurzar tad-deċiżjoni tal-qorti ta' l-oriġini huwa totalment jew parzjalment preskritt;
(e) id-deċiżjoni tal-qorti ta' l-oriġini hija inkompatibbli ma' deċiżjoni meħuda fl-Istat Membru ta' infurzar jew li tiġbor il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-għarfien tagħha fl-Istat Membru ta' infurzar.	(e) id-deċiżjoni tal-qorti ta' l-oriġini hija inkompatibbli ma' deċiżjoni meħuda fl-Istat Membru ta' infurzar jew li tiġbor il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-għarfien tagħha fl-Istat Membru ta' infurzar.

Ġustifikazzjoni

Quanto al punto a) in sede di esecuzione non é possibile riaprire la discussione su quanto è già stato definitivamente giudicato. L´esecuzione può fermarsi solo per ragioni rigurdanti l´esecuzione stessa, non le ragioni che hanno condotto alla decisione da eseguire (vedi comma 2 art. 45 Regolamento(CE) n. 44/ 2001).

Quanto al punto b) non é opportuno creare un processo speciale. La difformità delle regole di procedura aumenta le difficoltà e può ritardare la soluzione dei problemi anziché renderla più rapida ed agevole.

La possibilità di riesame nello Stato di origine introduce un sistema di impugnazioni anomalo.

Emenda 44
Artikolu 34, paragrafu 2

2. Ordni ta' ġbid ta' flus awtomatiku darba fix-xahar ma tistax tingħata ħlief jekk id-deċiżjoni ġiet notifikata jew mgħarrfa lid-debitur ***permezz ta' wieħed mill-modi speċifikati fl-Artikolu 22.***	2. Ordni ta' ġbid ta' flus awtomatiku darba fix-xahar ma tistax tingħata ħlief jekk id-deċiżjoni ġiet notifikata jew mgħarrfa lid-debitur ***b'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru XXX/2007 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali.***

Ġustifikazzjoni

Mhux il-każ li jinħoloq proċess speċjali. In-nuqqas ta' qbil fir-regoli ta' proċedura jżid id-diffikultajiet u jista' jittardja s-soluzzjoni tal-problemi minflok iħaffifha u jagħmilha aktar faċli.

Emenda 45
Premessa 35a (ġdida)

Artikolu 35a

Ordnijiet oħra ta' infurzar

Il-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ tista' tordna l-miżuri l-oħrajn kollha ta' infurzar kif hemm dispożizzjoni għal dan fil-liġi nazzjonali tagħha li hi tikkunsidra xierqa.

Ġustifikazzjoni

Din il-qorti li qed tfittex li tinforza m'għandhiex tkun limitata għal ordnijiet elenkati fir-Regolament. Billi l-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa li jikkunsidraw mezzi ġodda ta' infurzar inklużi dawk li ntużaw b'effett kbir f'ġurisdizzjonijiet mhux ta' l-UE, il-qrati għandhom ċertament jużaw il-miżuri kollha possibbli disponibbli għalihom taħt il-liġi nazzjonali.

Emenda 46

Artikolu 38, paragrafu 1

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VI huma applikabbli, jekk ikun hemm bżonn, għall-għarfien u l-infurzar ta' l-atti awtentiċi u tal-ftehimiet bejn partijiet li huma *esekutorji*. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fih att awtentiku jew ftehim bejn partijiet huwa *esekutorju*, twassal, ***fuq it-talba ta' kull parti interessata,*** estratt ta' l-att billi tuża l-formola li tagħha jidher l-eżempju fl-Anness II għar-Regolament preżenti.	1. Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VI huma applikabbli, jekk ikun hemm bżonn, għall-għarfien u l-infurzar ta' l-atti awtentiċi u tal-ftehimiet bejn partijiet li huma *eżekutorji*. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fih att awtentiku jew ftehim bejn partijiet huwa *eżekutorju*, twassal, ***b'mod awtomatiku,*** estratt ta' l-att billi tuża l-formola li tagħha jidher l-eżempju fl-Anness II għar-Regolament preżenti.

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni tar-Regolament għandha topera b'formalità minima.

Emenda 47
L-Artikolu 50

Kull modifika ta' l-Annessi tar-Regolament preżenti tiġi adottata skond il-proċedura ***konsultattiva*** speċifikata fl-Artikolu 51, il-paragrafu 2.	Kull modifika ta' l-Annessi tar-Regolament preżenti tiġi adottata skond il-proċedura ***konsultattiva*** speċifikata fl-Artikolu 51, il-paragrafu 2.

Din l-emenda ma tapplikax għall-verżjoni bil-Malti

Emenda 48
L-Artikolu 51

1. Il-Kummissjoni tkun megħjuna ***minn*** kumitat.	1. Il-Kummissjoni tkun megħjuna ***mill-*** kumitat ***kif hemm stipulat fl-Artikolu 75 tar-Regolament (KE) Nru 44/2001.***
2. *Fil-każ fejn issir* referenza għall-paragrafu preżenti, ***il-proċedura konsultattiva prevista fl-Artikolu 3*** tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ***tapplika fil-każ tal-ħarsien*** tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu ***7, paragrafu 3*** tagħha.	2. *Meta ssir* riferenza għal dan il-paragrafu, ***għandhom japplikaw l-Artikli 3 u 7*** tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ***b'konsiderazzjoni*** tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu ***8*** tagħha.

PROĊEDURA

Titolu	Il-ġuriżdizzjoni u l-kooperazzjoni fil-qasam ta' l-obbligi ta' manteniment
Referenzi	(COM(2005)0649 – – C6-0079/2006 – 2005/0259(CNS)) Rapporteur għal opinjoni:
Kumitat responsabbli	LIBE
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 14.3.2006
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	6.7.2006
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Diana Wallis 30.5.2006
Diskussa f'Kumitat	3.10.2006 11.4.2007 3.5.2007
Data ta' l-adozzjoni	4.10.2007
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 24 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Carlo Casini, Bert Doorn, Cristian Dumitrescu, Monica Frassoni, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Katalin Lévai, Hans-Peter Mayer, Manuel Medina Ortega, Aloyzas Sakalas, Francesco Enrico Speroni, Gary Titley, Diana Wallis, Rainer Wieland, Jaroslav Zvěřina, Tadeusz Zwiefka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Mogens N.J. Camre, Charlotte Cederschiöld, Kurt Lechner, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, József Szájer, Jacques Toubon
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Iles Braghetto, Genowefa Grabowska, Michael Cashman, Lily Jacobs